# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru 98**

**Citaz. numru: 719/93 D1 NA**

**Joseph u Peter ahwa Galea**

**vs**

**Emmanuela sive Lilly Mallia, xebba Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-16 ta' Gunju 1993 li biha ppremettew:

"Illi l-genituri tal-partijiet u cioe' Joseph Galea u martu Marija nee' Camilleri, mietu rispettivament fis-17 ta' Frar 1987 u fis-16 ta' Lulju 1977 skond ic-certifikat anness u markat Dokument "A";

Illi skond it-testmenti li saru fil-11 ta' Awissu 1975, fil-31 ta' Jannar 1983, fis-27 ta' Ottubru 1983 u fid-9 ta' Awissu 1984 hawn esebiti bhala Dokumenti "B", "C", "D" u "E", l-imsemmija wlied il-mejtin Joseph u Marija konjugi Galea gew istitwiti l-unici eredi universali taghhom kif ukoll legatarji skond kif jidher minn l-istess testmenti;

Illi jirrizulta illi d-divizjoni ta' l-assi ereditarji u legatarji ma tistax issir bonarjament, filwaqt li l-assi ereditarji u legatarji huma komodament divizibbli;

TALBU li din il-Qorti:-

1. tillikwida l-assi li jappartjenu lill-wirt tal-mejtin Joseph u Marija konjugi Galea;

2. taqsam okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi din il-proprjeta' f'porzjonijiet skond it-testmenti;

3. tassenja l-porzjonijiet kif maqsumin lill-eredi u legatarji tal-mejtin Joseph u Marija konjugi Galea;

4. tappunta data, hin u lok u tinnomina Nutar Pubbliku ghall-publikazzjoni ta' l-att ta' divizjoni u tinnomina kuraturi biex jidhru ghall-kontumaci fuq l-att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenuta fl-24 ta' Settembru 1993 li biha eccepiet:

1. "Illi l-eccipjenti ma topponix ruhha ghal-likwidazzjoni, divizjoni w assenjazzjoni ta' l-assi ereditarji tal-genituri taghha Joseph u Marija konjugi Galea skond id-disposizzjonijiet testamentarji taghhom, salva l-verifika tal-konsistenza ta' l-imsemmija assi ereditarji;

2. Illi fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti ma ghandhiex tbati spejjes ta' l-odjerni proceduri stante li hi ppruvat tasal ghal qasma bonarja ma' hutha l-atturi izda dawn holqu problemi bla bzonn li jrendu l-qasma bonarja impossibbli;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

**Provi dokumentarji**

Fit-12 ta' Novembru 1993 il-Qorti ordnat illi jingabru l-provi dokumentarji.  Fit-18 ta' Novembru 1994 u fit-13 ta' Frar 1995 il-konvenuta pprezentat diversi dokumenti liema dokumenti gew spjegati minnha b'nota tal-24 ta' Frar 1995.

**Nomina ta' Perit Tekniku**

Fl-24 ta' Frar 1995 gie nominat l-A.I.C. Anthony Bailey sabiex jaghmel stima tal-bini u pjanti w is-soliti fakoltajiet.  Fit-23 ta' Ottubru 1995 gie revokat l-inkarigu.

Fit-12 ta' Frar 1996 gie nominat Professur Joe Tonna bhala Perit Tekniku.

Fit-22 ta' Mejju 1996 l-inkarigu gie revokat. Gie nominat l-A.I.C. Joseph Jaccarini bhala Perit Tekniku.

Ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Jaccarini gie pprezentat fl-20 ta' Gunju 1997 u mahluf fl-14 ta' Jannar 1997.

Il-Perit ghamel Deskrizzjoni tal-Proprjeta', Valutazzjoni tal-Proprjeta', u Pjan ta' Divizjoni bejn tlett eredi u ghalhekk tlett porzjonijiet (fol. 165 sa 169).

Il-Perit Tekniku deherlu illi t-talbiet attrici 1 u 2 jigu milqugha ghall-proprieta' imsemmija u wara illi l-Qorti tikkonsidra r-rakkomandazzjoni jsiru l-arrangamenti ghat-talbiet 3 u 4. (qabel il-qasmet ta' l-art "Ta' Brejba" trid issir *land survey*).

Fit-23 ta' Marzu 2000 il-partijiet nfurmaw lill-Qorti illi l-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza bil-fakoltajiet ta' noti liema noti ma jirrizultawx illi saru sad-data li fiha qed tinghata din is-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ma tara ebda raguni valida l-ghala ghandha tiddisturba r-relazzjoni peritali, hlief ghas-suggeriment li sejjer jinghad, relazzjoni li tidher li hija bbazata fuq l-ekwita' w il-gustizzja, fic-cirkostanzi tal-kaz, partikolarment fir-rigward tal-proposta tad-divizjoni tal-giardina u ta' l-adjacenti mahzen. (Ara partikolarment il-pagna 9 tar-rapport a fol. 165 paragrafu 4.2). Di piu' f'dan il-kaz partikolari ma saret ebda kritika serja fil-konfront tar-relazzjoni peritali. Il-Qorti wara li studjat bir-reqqa l-istess relazzjoni peritali ma tara ebda raguni essenzjali l-ghala ghandha ssir *land survey* ta' l-ghalqa "Ta' Brijba" u anke tal-giardina peress illi jidhrilha illi r-relazzjoni hija sufficjentement preciza biex tkun tista' ssir id-divizjoni bix-xorti bejn it-tlett oqsma minghajr din l-ispiza ulterjuri. Jekk pero' xi wahda mill-partijiet thoss li ghandha tinsisti fuq dan il-*land survey* qabel ma ssir il-qasma finali l-Qorti wkoll ma tarax li ghandha tiddipartixxi mill-parir tekniku moghti f'dan is-sens.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tillikwida l-assi li jappartjenu lill-wirt tal-mejtin Joseph u Maria konjugi Galea kif effetivament gew likwidati fir-

relazzjoni peritali li qed tigi nkorporata bhala parti minn din is-sentenza;

2. taqsam l-istess proprieta' fi tlett prozjonijiet skond it-testment imsemmi fil-premessi citattivi wkoll skond kif rikmandat mill-Perit Tekniku;

3. tordna li l-istess ishma jigu mtella' bix-xorti, maqsuma u assenjati skond kif issuggerit mill-Perit Tekniku bir-rizultanti ekwiparazzjonijiet u dana wara, fin-nuqqas ta' qbil bejn l-istess partijiet, li ssir *land survey* biex il-kejl jigi ulterjorment stabbilit, liema *land survey*, f'kaz li huwa mitlub, ghandu jsir mill-istess Perit Tekniku Joseph Jaccarini li huwa nkarigat ghal dan l-iskop b'din is-sentenza u dana mhux aktar minn tlett xhur millum;

4. tappunta d-data tat-8 ta' April 2002 fil-11.00 a.m. fl-edificcju tal-Qorti biex isir il-pubblikazzjoni ta' l-att ta' divizjoni u tinnomina lin-Nutar Dottor Victor John Bisazza bhala Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att ta' divizjoni in kwistjoni fil-waqt li tappunta lill-Avukat Dottoressa Deborah Farrugia bhala kuratur biex tidher ghall-kontumaci ta' xi parti fuq l-istess att ta' divizjoni.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi d-drittijiet u spejjes tan-nomina maghmulha b'din is-sentenza, kif ukoll l-ispejjes u drittijiet tal-Perit Tekniku f'kaz illi jkun necessarju *land survey* ghandhom kollha jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg atturi w il-konvenuta u cioe' terz (1/3) kull wiehed.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.